

# Fost l-Aqwa Tlieta fil-Mużika

**Is-Sur Joe Chetcuti – Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori, fuq Radju 101 u President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija**

Fl-Annwal tal-festa ta' din is-sena ħsibt illi jkun xieraq li niddedika dan l-ispazju lil tliet ġganti tal-mużika ġewwa pajjiżna. Qed nirreferi għas-Surmastrijiet il-Maġġur Anthony Aquilina, Vincenzo Ciappara u Carmelo Caruana. Dawn it-tliet Surmastrijiet kbar fil-mużika din is-sena qed jitfakkru l-anniversarji tagħhom u għalhekk xieraq illi nsiru nafuhom ftit aktar mill-qrib.

## Il-Maġġur Anthony Aquilina u l-marċi li ma jmutu qatt



Il-Maġġur Anthony Aquilina huwa wieħed mill-aqwa kompożituri li qatt għexu f'Malta, dan twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1906. Dan beda jitgħallem idoqq il-klarinett meta daħal fl-armata fejn mill-ewwel ġibed l-attenzjoni tas-surmast tal-armata. Dan kien intgħażel biex jibda kors fil-Military School of Music Kneller Hall fi Twinkenham l-Ingilterra. Hawn kien rebaħ *scholarship* fl-istudju tal-klarinett.

Il-karriera tiegħu bħala surmast direttur bdiet mal-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara, wieħed mill-aqwa marċi ma' din il-banda kien Fiorentina li kkompona fl-1949. Fi ftit snin Aquilina kiseb fama ma' Malta kollha l-aktar ma' dawk dilettanti tal-baned. Imexxi din il-Banda dam mal-ħmistax-il sena li fihom ħarġu diversi marċi brijużi u li huma meqjusa fost l-aqwa mill-pinna tiegħu. Sabiex insemmu wieħed mill-aqwa hemm *Belfrendozan* li dan inkiteb bħala dedika għal żewġ membri ħabrieka tal-istess Banda. Marċ ieħor popolari kien *Melita,* dan kien indaqq l-ewwel darba mill-Banda Ċittadina King's Own waqt il-festa ta' San Duminku. Fl-istess żmien ukoll il-Maġġur kien konsulent mużikali mar-Rediffusion, u flimkien miegħu kien hemm direttur ġenerali fil-kumitat tal-Każin San Ġużepp tal-Ħamrun. Dan kien kellem lil Aquilina u dan għaddielu l-marċ biex il-Banda Ġużeppina ddoqqu fil-festa ta' San Gejtanu. Meta l-istess banda kienet qiegħda ddoqq dan il-marċ kien ħareġ il-Maġġur Aquilna u dan bil-bakketta f'idu beda jidderieġi l-banda mill-gallarija.

Meta rtira mid-direzzjoni tal-Banda Ċittadina King's Own dan għamlu sabiex ikun jista' jistrieħ, madankollu diversi soċjetajiet talbuh jikkomponilhom diversi marċi għall-festi rispettivi tagħhom. Marċ partikulari kien *The Great Sebastian* li kiteb lil Banda Pinto ta' Ħal Qormi. Fl-1979 Aquilina u Charles Calleja li kienu ħbieb kbar kienu ħarġu għal bejgħ l-ewwel *long play* b'sett ta' marċi popolari li nħarġu mill-arkivju tas-Soċjetà.

Il-popolarità ta' dan is-surmast baqgħet tikber matul iż-żmien, l-għaxqa tiegħu kienet li jara lil ħafna nies jifirħu bix-xogħlijiet tiegħu. Uħud minn dawn il-marċi huma *Mona, Bozen, Ta' Gerrew, Zorro, Asswero, ix-Xiħ, Forza Ċensina, Ċieka u Ċelest, Lily Pom Pom* u ħafna oħrajn. L-aħħar kompożizzjoni tiegħu kienet *Mary Louise* fejn dan ħass li dan kellu jkun l-aħħar marċ li jikteb.

Il-Maġġur Anthony Aquilina miet fl-età ta' 79 sena nhar il-21 ta' Settembru tal-1985 fejn proprju dis-sena taħbat it-tletin anniversarju mill-mewt tiegħu.

Dakinhar li tħabbret il-mewt tiegħu il-każini kollha tal-banda tellgħu l-bandiera mezzasta bħala turija ta' rispett għal dan il-persunaġġ kbir hekk imsejjaħ ir-Re tal-Marċi Maltin.

## Is-Surmast Carmelo Caruana – 10 snin minn mewtu



Carmelo Caruana twieled Ħal Luqa fit-3 ta' Novembru 1927. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Luqa u wara fil-Liċeo tal-Ħamrun. Ta' ħmistax-il sena beda jaħdem it-Tarzna fl-għeqqel tal-gwerra. Apparti x-xogħol fuq vapuri u sottomarini Caruana ħadem ukoll bħala draughtsman fit-Tarzna stess sakemm irtira fl-età ta' 61 sena.

Carmelo Caruana beda jitgħallem il-mużika fl-età ta' 10 snin fil-każin tal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa taħt is-Surmast Antonio Muscat Azzopardi. Wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija, Caruana beda jistudja t-teorija u l-vjolin mas-Surmast Agostino Camilleri fil-Furjana. Minkejja li l-vjolin kien l-aktar strument li jħobb qatt ma abbanduna l-klarinett. Fl-istess żmien beda jdoqq il-klarinett mal-Banda King's Own u bil-vjolin mal-orkestra tat-Teatru Manoel. Mro Caruana wera l-kapaċitajiet tiegħu meta daqq kemm mużika tiegħu stess kif ukoll dik li kien jagħtih is-surmast. Wara li żżewweġ u mar jgħix Ħaż-Żabbar kien ingħaqad mal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar sabiex ikun is-surmast direttur. Din ma kinitx l-ewwel esperjenza tiegħu bħala surmast għaliex kien hemm każijiet li ġieli dderiġa l-Banda Sant'Andrija.

Fl-1973 is-Surmast Caruana beda kapitlu ġdid f'ħajtu meta kien ġie offrut l-inkarigu ta' direttur mużikali mal-Banda Ċittadina King's Own wara r-riżenja tal-Maġġur Anthony Aquilina. Sabiex aċċetta dan l-inkarigu l-ġdid kellu jaċċetta li jtemm kull rabtiet li kellu ma' għaqdiet mużikali oħra fosthom mit-Teatru Manoel. L-ewwel kunċert li dderiġa kien proprju għal għeluq il-100 sena tal-Banda King's Own fis-sena 1974. Taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda King's Own daqqet kemm fit-Teatru Manoel u fl-Istitut Kattoliku fil-Furjana. Fl-1986 is-Surmast Caruana ġie maħtur Aġent Direttur Mużikali tal-Banda De Paule ta' Raħal Ġdid, f'dan iż-żmien din il-Banda tejbet il-livell tagħha u għamlet sensiela ta' kunċerti fl-Istitut Kattoliku l-Furjana.

Fil-ħajja privata s-Surmast Carmelo Caruana kellu ħafna tlajja u nżul. L-ewwel żewġt itfal mietu wara ftit li twieldu iżda fl-1955 twieldet Jane u fl-1961 twieled Joseph. Iż-żewġ ulied bħal missierhom kellhom il-ħajra għal mużika. Jane għamlet snin iddoqq imbagħad waqfet fil-waqt li Joseph kompla fuq il-passi ta' missieru.

Kemm dam Direttur Mużikali tal-Banda Maria Mater Gratiae kien għamel diversi xogħlijiet, l-aktar dawk minn orkestri ta' madwar id-dinja u addatthom sabiex jindaqqu mill-banda li kien imexxi hu. Dan baqa' jagħmlu sa ftit snin qabel miet. Waħda mill-aqwa tiegħu kien l-*overture Gubileo* u l-valz brillanti *Luke* iddedikat lin-neputi tiegħu. Wara tletin sena, anki għall-fatt li saħħtu bdiet tmur is-Surmast Caruana kellu jtemm ix-xogħol tiegħu. Fis-sena 2002 kien mexxa l-aħħar kunċert ta' ħajtu li kien sar fis-*Sette Giugno* li l-Banda King's Own għamlet quddiem il-bini tal-qorti.

Dan is-surmast bravu ħalla mal-500 mitt arranġament mużikali f'40 sena. Dawn ivarjaw minn marċ militari ta' Franz Schubert sal-Aida ta' Giuseppe Verdi.

Is-surmast Carmelo Caruana ħalla din id-dinja fl-għomor ta' 78 sena.

## Mro Vincenzo Ciappara – 125 sena minn twelidu

Vincenzo Ciappara twieled il-Belt Valletta nhar is-6 ta' Novembru 1890. Missieru kien jismu Carmelo u ommu Paola imwielda Pace. Ta' għaxar snin Vincenzo kien daħal student fil-Liceo u ta' erbatax-il sena beda jitgħallem il-vjolin. Din il-ħajra għal dan l-istrument partikulari ġiet wara li missieru kien rebaħ dan l-istrument u li wara kien għaddieh lilu. Vincenzo Ciappara beda jdoqq il-vjolin fil-knejjes fejn daħal fil-kappella ta' Mro Anton Nani. Fl-1907 Ciappara kellu 17-il sena, u beda jdoqq mal-Orkestra tat-Teatru Rjal fejn kien baqa' sal-1939. Fl-1921 huwa kien laħaq professur tal-vjola tal-istess teatru b'rakkomandazzjoni tal-impressarju l-Kav. De Lancellotti. L-imħabba lejn il-mużika kompliet tikber għalhekk aktar tard beda jitgħallem l-armonija u l-orkestrazzjoni taħt Mro. Karlu Diacono u fl-istrumentazzjoni tal-banda taħt Mro Aurelio Doncich.



Mro Karlu Diaconi kien ta parir lil Vincenzo Ciappara sabiex jibda jidderieġi l-orkestri. Ciappara beda jidderieġi fit-Teatru Rjal u f'teatri oħra u f'diversi knejjes fosthom fil-Protoparroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat. L-arċisqof ta' dak iż-żmien kien ħatru bħala sostitut *Maestro di Cappella* tal-Katidral għal tliet snin sħaħ.

Vincenzo Ciappara kien Surmast Direttur ta' diversi baned fosthom tal-Annunzjata (Ħal Tarxien), De Rohan (Ħaż-Żebbuġ), La Vittoria (Mellieħa), Prince of Wales (Vittoriosa) u King's Own (Belt Valletta). Mro Ciappara idderieġa l-Baned La Stella u Leone f'Għawdex kif ukoll diversi kunċerti u operetti tal-*Bank Sports Association* u *ballets* mill-allievi tal-Prinċipessa Poutiantine Tabone.

Wara sentejn jidderieġi l-Banda King's Own Ciappara kien intalab sabiex jibqa' Surmast Direttur iżda dan kien irrifjuta għaliex diġà kien Surmast Direttur tal-Banda Konti Ruġġieru li għalih din kienet tiġi l-ewwel.

Mill-1928 sal-1978 Mro Ciappara kien baqa' Surmast Direttur tal-Banda Konti Ruġġieru, ħamsin sena sħaħ fejn taħt it-tmexxija tiegħu kienet għamlet suċċessi kbar. Kunċert vokali u strumentali popolari kien dak li sar fl-1930, li fih kienet iżżanżnet l-istumentatura l-ġdida tal-Banda. Kienu baqgħu jissemmew ukoll kunċerti oħra, wieħed li kien sar fl-1935 dakinhar tal-ġublew tal-fidda tar-Re Ġorġ V u dak tal-1938 meta kien indaqq l-innu tar-rebbieħa tal-1565. Taħt it-tmexxija tiegħu fl-1944 il-Banda Konti Ruġġieru kienet daqqet fil-Pjazza tal-Palazz għal għeluq il-75 anniversarju tal-istess Banda. Fl-1947 kienet indaqqet il-famuża Sinfonija Numru 5 ta' Beethoven. Okkażjonijiet oħra seħħu fl-1960 għaċ-ċentinarju tan-Nawfragu ta' Missierna San Pawl u fl-1969 meta l-Banda Konti Ruġġieru ċċelebrat l-100 sena mit-twaqqif tagħha.

Apparti d-don tad-direzzjoni, Vincenzo Ciappara kellu wkoll pinna mużikali li saħħret u għada ssaħħar tant Maltin u Għawdxin b'kompożizzjonijiet u għadd ta' marċi brijużi u funebri. Il-marċi tiegħu *Lilibet, Victory* u *Coronation March 1953,* li huwa kien ikkompona għall-Banda Konti Ruġġieru kienu ġew ikklassifikati l-ewwel f'konkorsi mnedija mill-BBC. Fost xogħlijiet ta' marċi oħra hemm l-*Innu Popolari lil Missierna San Pawl* (1946), *Innu lil Kristu Rxoxt* (1974) u l-*Innu Marċ lil Konti Ruġġieru* (1976). Marċi funebri li kiteb Ciappara huma *In Memoriam* li kiteb għal sħabu bandisti mejtin, u l-popolarissimu *Mater Dolorosa.* Marċi sinfoniċi oħrajn huma: *Livia fantasia, Amore e Musica, Vicino al Mare, Sorrisi, Bianca e Rossa, Malta* u *Anima e Pace.* L-intermezz *Un Mazzo di Fiori* u l-preludju in Re *Empire Unity* li ġie esegwit ukoll fil-British Institute. Kiteb ukoll xogħlijiet sagri bħal *Messa ad onore di San Paolo Appostole,* diversi *Tantum Ergo,* Antifoni *Sactae Paule* kif ukoll l-innijiet tat-tridu ta' San Pawl.

Fl-1974 is-Surmast Ciappara talab lil kumitat tas-Soċjetà San Pawl u Banda Konti Ruġġieru sabiex jintgħażel s-suċċessur tiegħu. Minkejja li kien irtira mid-direzzjoni huwa baqa' attiv bil-kompożizzjonijiet tiegħu u l-arranġamenti mużikali.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara ħalla din id-dinja l-Ħadd 29 ta' Lulju tal-1979 fl-età ta' 89 sena. Kif kien xieraq il-funeral tiegħu kien sar fir-Rabat ta' Malta u kien akkumpanjat mill-Banda Konti Ruġġieru li dam imexxiha aktar minn ħamsin sena. Diversi baned oħra ġew ukoll jagħtu l-aħħar tislima lil dan is-surmast.

## Konklużjoni

Kienu tliet surmastrijiet kbar li għamlu unur lilhom infushom u lil Malta. L-arti mużikali li ġriet f'demmhom raw kif jittrasmettuha lill-oħrajn, lil bosta tfal u żgħażagħ li llum saru rġiel u nisa li wkoll qed jagħmlu isem fl-arti mużikali. It-talent kbir tagħhom ma ħbewhx jew żammewh għalihom imma qasmuh mal-oħrajn. Tassew kienu tliet surmastrijiet ta' ġieħ. Jiena persważ li llum jinsabu ħdejn dak li għogbu jagħnihom b'dan it-talent, jitpaxxew bil-kori tal-anġli li għal dejjem ifaħħruh.

Viva Santa Marija
Viva s-Soċjetà Filarmonika Santa Marija